# L-Aqwa Knisja ddedikata lil Santa Marija



*minn Joseph C. Camilleri BA Dip Ed (Ad & Mgt)*

Jekk tħares lejn il-lista tal-parroċċi tal-gżejjer Maltin, issib li dawk iddedikati lil Santa Marija huma fil-maġġoranza. Hemm knejjes parrokkjali ta' Santa Marija fil-Gudja, Ħal Għaxaq, H'Attard, il-Mosta, l-Imqabba, il-Qrendi, l-Imġarr u Ħad-Dingli fil-gżira ta' Malta. Hemm ukoll żewġ parroċċi ddedikati lil Santa Marija fil-gżira tat-Tliet Għoljiet. Dawn huma ż-Żebbuġ u l-Katidral. Jekk wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn il-knejjes żgħar isib knejjes jew kappelli f'diversi rħula u bliet. Iżda l-aqwa knisja ddedikata lil Santa Marija tinsab fil-gżira ta' Għawdex. L-isem popolari tagħha mhux ta' Santa Marija jew kif jgħidulha l-Għawdxin l-Assunta. L-isem hu ta' wieħed minn dawk li kienu jieħdu ħsiebha – Pinu Gauci.

## L-ewwel snin

Il-kampanja Għawdxija kienet mimlija kappelli. Il-kittieb Għawdxi Dr. Joseph Bezzina jgħid li kien hemm madwar 50 kappella. Waħda minn dawn kienet f'inħawi ta' l-Għarb. Din kienet f'żona magħrufa bħala ta' Għammar. Din il-kappella kienet iddedikata lill-Assunta.

Il-bidu ta' din il-kappella kien qabel is-sena 1545. F'dik is-sena din il-kappella kellha tiġi mibnija mill-ġdid. Inbniet minn familja li kienet magħrufa bħala Ġentili. Dan l-isem aktarx kien il-kunjom ta' din il-familja. Il-kappella li telgħet bħala tal-Ġentili ma tantx damet ħajja. F'dawk iż-żminijiet, l-Għarab u l-Mori kienu jinżlu għall-għarrieda u barra li

jġorru 'l barra rġiel, nisa u tfal kienu jaħarqu kull tip ta' bini. L-aktar tir tagħhom kien ikun xi kappella, billi dawn kienu Musulmani. F'dawk iż-żminijiet il-Musulmani u l-Insara kienu għedewwa eterni. Tant li fir-rapport tas-sena 1575 kien hemm żjara pastorali u sirna nafu li l-kappella kienet fi stat ħażin ħafna. Għalhekk kellha tingħalaq.

## Taħt Pinu Gauci

Il-kappella, ftit ta' snin wara għaddiet minn perjodu aħjar. Dan seħħ meta waqgħet taħt it-tmexxija ta' Pinu Gauci. Milli jidher in-nies bdew jorbtu l-kappella ma' l-isem ta' Gauci u saret magħrufa bħala Ta' Pinu. Fi żmien Pinu Gauci l-kappella ġiet irrestawrata u mżejna bi kwadru ta' l-Assunta, xogħol Bartolomeo Amodeo Perugino. Wara ż-żmien ta' Gauci bħala kuratur tagħha, il-kappella reġgħet sabet ruħha bħal qabel.

## L-istorja

Il-kappella kienet imdawra bl-għelieqi. Dawn l-għelieqi kienu ideali għall-mogħoż u nagħaġ. Għalhekk waħda xebba mill-Għarb kienet tinżel f'dawn l-inħawi biex tirgħa l-merħla tagħha. Waqt li kienet fl-għelieqi kellha d-drawwa li tidħol fil-kappella biex titlob. Jum wieħed, fit-22 ta' Ġunju, 1883 din ix-xebba – Karmni Grima – kienet bħas-soltu ma' l-annimali tagħha. Waqt li kienet sejra d-dar semgħet leħen ġej mill-kappella. Dan il-leħen talabha biex tidħol ġewwa biex titlob. Hawn saret taf li dalwaqt kienet se timrad. Il-leħen kien ġej mill-kwadru. Karmni Grima żammet din il-ġrajja sigrieta, sakemm jum wieħed waħda mara sabet il-fejqan tagħha permezz tad-devozzjoni li kellha lejn Santa Marija ta' Pinu. Malli l-aħbar inxterdet bdew jiġu organizzati l-pellegrinaġġi.




**24 Hrs Mini Bus Service**

***Plot 12, Sqaq Taltas, Nr. 3, Żejtun***
***Tel: 808937, 673940***
***Mob: 0949 3822***

## Popolari

L-aħbar tal-leħen u l-fejqan tal-mara inxterdet ma' l-erbat irjieħat ta' Għawdex. Dan il-leħen semgħu wkoll ċertu wieħed ħabib ta' Karmni Grima – Franġisku Portelli. Dan il-bniedem kien magħruf bħala Frenċ ta' l-Għarb. In-nies kompliet tmur u l-grazzji komplew jiżdiedu. Għalhekk kien hemm bżonn li ssir knisja ikbar biex tilqa' lin-nies.

Kien fit-30 ta' Mejju tas-sena 1920 meta l-Isqof ta' Għawdex poġġa l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Il-perit li ħażżeż pjanta kien il-Perit Andre Vassallo. L-istil ta' din il-knisja hu wieħed mhux komuni għall-gżejjer Maltin. Hu stil romanesk. Il-knisja hija mdawla minn twieqi bl-i*stained-glass*. Il-ħitan huma miksija bil-mużajk. L-altari huma mżejna b'inkwadri magħmula mill-mużajk. Dawn saru fuq pittura tal-pittur Malti l-Kavallier Emmanuel Vincent Cremona, magħruf l-aktar bħala Emvin Cremona.

Il-knisja ġiet inaugurata fit-13 ta' Diċembru 1931. Il-bini fuqha kompla sejjer. L-aħħar ħaġa ssir kien il-kampnar. Dan tlesta fit-18 ta' Mejju, 1936. Ta' min jgħid li fid-19 ta' Ġunju tas-sena 1935 l-inkwadru li kien ħejja Bartolomeo Amodeo Perugino ġie nkurunat. Din l-inkurunazzjoni saret minn wieħed legat tal-Papa Piju XI.

## Ċentru ta' devozzjoni

Il-Knisja ta' Pinu hija ċentru ta' importanza kbira għall-gżejjer Maltin u aktar u aktar għal Għawdex. Il-Maltin meta jkunu fil-gżira ta' Għawdex jagħmlu minn kollox biex iżuru dan iċ-ċentru Marjan. L-Għawdxin għandhom devozzjoni kbira lejn dan iċ-ċentru. It-turisti wkoll iżuru dan il-post sagru. Għalihom l-oġġetti tal-wegħdiet u l-arti u l-istil tal-knisja jagħmlu lil din il-knisja ewlenija fiż-żjara tagħhom. Fis-sena 1983 kienu saru xi kongressi marjani f'Malta proprju biex ifakkru s-sena Marjana Maltija. Dik is-sena kienet biex ikun imfakkar l-ġrajja li kienet seħħet seħħet fit-22 ta' Ġunju 1883, mitt sena qabel.

Għalkemm l-ebda sett bolol ma kien ħareġ mill-posta Maltija għal dawn il-kongressi, 5 snin wara l-kwadru tal-Madonna ta' Pinu deher fuq sett ta' bolol. Dan seħħ fil-ħamsa ta' Marzu 1988. Flimkien mal-kwadru kien hemm bolla li turi lil San Ġwann Bosco u oħra li turi l-monument ta' Kristu Sultan li jinsab fil-Mall il-Furjana. Dawn il-bolol kienu ddisinjati minn Frank Portelli u ġew stampati mid-ditta Maltija tal-Printex.

Mhux ta' xejn li din il-knisja hija l-aktar knisja msemmija tal-gżejjer Maltin iddedikata lil Santa Marija!

**Referenzi:**

Said Malta Stamp Catalogue 1996
Joseph Bezzina "The Shrine of Ta' Pinu" Malta this Month '95

**PRIVAT**

**Tfal tal-Primarja**
**Tfal li ser jagħmlu l-eżami għad-dħul**
**għall-Junior Lyceum u Skejjel tal-Knisja u Matematika għall-Matsec**

**125, Dar Rihana, St. Mary Street - Tarxien • Tel: 892528, 436090**